**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Gunju, 2018

Rikors numru : 4/18 AL

A B

vs.

Dr Mark Mifsud Cutajar,
Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bhala kuraturi
deputati sabiex jirapprezentaw lill-assenti
M B
(Passaport Libjan numru L 183567)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponent izzewweg lil M B nhar it-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (13.01.2003), hekk kif jidher fic-certifikat anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal, anzi l-istess M B telqet lill-esponenti dakinhar stess li gie ccelebrat iz-zwieg.

Illi fis-sena elfejn u erbgha (2004), M B giet arrestata mill-Pulzija Ezekuttiva in konnessjoni ma’ sejbien ta’ sustanzi illeciti.

Illi in konsegwenza ta’ dan il-fatt, nhar it-tnejn ta’ Gunju tas-sena elfejn u erbgha (02.06.2004), l-esponenti gie mitkellem mill-Ispettur Pierre Grech tas-sezzjoni ta’ kontra d-drogi, fejn l-esponent irrilaxxa stqarrija, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘B’.

Illi sussegwentement, ftit jiem wara, il-konvenuta M B tkecciet minn Malta u ntbghatet lura pajjiza.

Illi ghaldaqstant, ghaddew aktar minn erba’ snin minn meta l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien u ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri LL.D b’digriet tat-12 ta’ Settembru 2017 nnoMt lil Dr Mark Mifsud B u lill-Prokoratur Legali Peter Paul Sammut bhala Kuraturi hawn anness u mmarkat bhala Dok C;

Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tippreżenta dan ir-rikors permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 6 ta’ Dicembru 2017 hawn anness u mmarkat Dok ‘D’;

Illi l-partijiet ma humiex legalment separati u qatt ma ressqu talba għas-separazzjoni personali quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex previa kull dikjarazzjoni ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tlettax ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (13.01.2003) bejn il-partijiet, stante illi ma

hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

2. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tinsab minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark A. Mifsud B u il-PL Peter Sammut, illi permezz taghha jeccepixxu : fol 16

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Mark A. Mifsud B u il-PL Peter Sammut;

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' divorzju bejn il-partijiet konjuġi B u dana wara li l-attur kiseb id-debita awtorizzazzjoni sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet ta' mogħti nhar is-6 ta' Diċembru 2017[1]. Il-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta' Jannar 2003 fir-Reġistru taż-Żwiġijiet ġewwa l-Belt Valletta[2].

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna. Huwa jitlob li l-Qorti:

- Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ;
- TitterM l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

Il-fatti, f'din il-kawża, qed jiġu kkompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` d-deposizzjoni tal-attur fl-affidavits tiegħu[3] fejn huwa xehed fil-qosor:

1. Illi l-konvenuta telqet lill-attur dakinhar stess li ġie ċċelebrat iż-żwieġ u cioe fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003).

2. Illi għalhekk minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

3. Illi fis-sena elfejn u erbgħa (2004), il-konvenuta ġiet arrestata mill-Pulizija Eżekuttiva in konnessjoni ma' sejbien ta' sustanzi illeċiti. L-attur ġie mitkellem mill-Pulizija fejn fit-2 ta' Ġunju 2004 huwa irrilaxxa stqarrija[4] li biha effettivament ikkonferma li kien ilu ma jara lil M minn dakinhar taż-żwieġ. Huwa ma kienx jaf lanqas fejn tirrisjedi għalkemm xi ħadd kien qallu li x'aktarx tirrisjedi fl-inħawi tal-Furjana.

[1] Kopja tad-digriet tinsab esebita fol.11
[2] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit, fol. 7
[3] Affidavit maħluf fit-8 ta' Jannar 2018, fol. 6 u Affidavit ieħor maħluf fl-24 ta' Marzu 2018, fol. 19
[4] Esebita fol. 8

4. Sar jaf li ftit tal-jiem wara, M tkeċċiet minn hawn Malta u ntbagħtet lura pajjiżha.

5. Billi l-konvenuta qarrqet bl-attur u wżatu fuq dan iż-żwieġ billi telqitu dakinhar stess, huwa għadda minn trawma kbira.

6. Peress illi hija telqet dakinhar stess taż-żwieġ, il-partijiet m'akkumulaw xejn fil-komunjoni tal-akkwisti u sal-lum il-ġurnata din ma tikkontjeni xejn.

7. Illi għalhekk il-partijiet ilhom *de facto* mifrudin daqskemm ilhom miżżewġin u cioe għal ħmistax-il sena u nofs u cioe minn Jannar 2003;

## 1. Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[5]

L-attur jallega, u m'huwiex kontradett, li l-partijiet qatt m'għexu l-ħajja taż-żwieġ billi l-konvenuta telqitu dakinhar stess taż-żwieġ. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. Fil-fatt, l-attur

[5] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

lanqas biss kien jaf fejn kienet tirrisjedi il-konvenuta sakemm hija ġiet iddeportarta minn Malta.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn ħmistax-il (15) sena, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar- rikonċiljazzjoni tagħhom; Jirriżulta wkoll li m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment stante li l-attur m'huwiex jitlob ebda forma ta' manteniment għalih fil-kawża odjerna;

## 2. Dwar it-TerMzzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B li b'hekk qegħdin jirriakkwistaw id-dritt li jagħmlu l-atti kollha tal-ħajja ċivili mingħajr il-bżonn tal-kunsens jew tal-intervent tal-parti l-oħra u/jew tal-Qorti. Inoltre minn issa 'l quddiem:

a. Kull akkwist magħmul minn kull wieħed mill-partijiet ikun il-pjena u assoluta proprjeta` tal-parti li tkun għamlitu.
b. Kull debitu jew obbligazzjoni oħra jkun a karigu esklussiv u jitħallas minn dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

Rigward il-konsistenza tal-istess komunjoni tal-akkwisti, l-attur isostni illi din ma tikkontjeni xejn u għalhekk m'hemm xejn li jeħtieg jiġi diviż u assenjat bejn il-partijiet. Filfatt, fit-taba tiegħu, l-attur jitlob biss lill-Qorti sabiex ixxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma sussegwentement tillikwidaha, taqsamha u tassenjaha.

## <u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti billi tiddikjara xolta, b'effett mill-preżenti, l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti billi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta assenti M B, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.